SENTENZA TAL-QORTI

tad-29 ta' Ottubru 2008

Fil-Kawża E-3/08

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA vs. L-Iżlanda

Nuqqas mill-Parti Kontraenti li twettaq l-obbligi tagħha – Regolament (KE) Nru 648/2004 dwar it-deterġenti)

(2009/C 99/09)

Fil-kawża E-3/08, L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA vs. L-Iżlanda — rikors għal dikjarazzjoni li, billi naqset milli taddotta l-miżuri neċessarji sabiex tagħmel l-Att imsemmi fil-punt 12u tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE, jiġifieri r-Regolament (KE) nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar id-deterġenti, kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE mill-Protokoll 1 tiegħu, parti mis-sistema interna tagħha fit-terminu stipulat, ir-Repubblika tal-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Qorti, magħmula minn: Carl Baudenbacher, President, Henrik Bull, Imħallef-Relatur, u Thorgeir Örlygsson, Imħallef, tat sentenza fl-29 ta' Ottubru 2008, li d-dispożittiv tagħha hu kif ġej:

1. Tiddikjara illi, billi naqset milli taddotta, fit-terminu preskritt,il-miżuri neċessarji sabiex tagħmel l-Att imsemmi fil-punt 12u tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar id-deterġenti, kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE mill-Protokoll 1 tiegħu, parti mis-sistema legali intern tagħha, ir-Repubblika tal-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim taż-ŻEE.

2. Tordna lir-Repubblika tal-Iżlanda tħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti.